Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tat-8 ta' Ġunju 2005, Wilfer vs L-UASI (T-315/03) li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni li tiċħad ir-reġistrazzjoni tat-trade mark "ROCK-BASS" — Karattru deskrittiv tat-trade mark.

Dispożittiv

1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq l-appell ippreżentat minn H.-P. Wilfer.

2) H.-P. Wilfer huwa kkundannat għall-ispejjeż ta' din l-istanza.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-11 ta' Ottubru 2007 — Il-Greċja vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-332/06 P)

"Appell — FAEGG — Spejjeż esklużi mill-finanzjament minħabba nuqqas ta' konformità mad-dritt Komunitarju"

1. *Agrikoltura — FAEGG — Stima tal-kontijiet (Regolament tal-Kunsill Nru 729/70, kif emendat bir-Regolament Nru 1287/95, il-ħames paragrafu ta' l-Artikolu 5(2)(c), u Regolament Nru 1258/1999, Artikolu 7(4)(a); Regolament tal-Kummissjoni Nru 1663/95, kif emendat bir-Regolament Nru 2245/1999, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 8(1)) (ara l-punti 46-48, 52)*

2. *Appell — Aggravji — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-kwalifikazzjoni legali tal-fatti — Ammissibbiltà (Artikolu 225 KE) (ara l-punt 59)*

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) ta' l-20 ta' Ġunju 2006, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-251/04) li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/457/KE, tad-29 ta' April 2004, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti spejjeż li saru mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) (innotifikata taħt in-Nru C(2004)1706) (ĠU L 156, p. 48).

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Ottubru 2007 — Krafft vs Vitakraft-Werke Wührmann

(Kawża C-512/04 P-DEP)

"Intaxxar ta' l-ispejjeż"

1. Proċedura — Spejjeż — Tassazzjoni — Spejjeż li jistgħu jinġabru (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 73(b)) (ara l-punti 19, 30)

Suġġett

Taxxa ta' l-ispejjeż wara d-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) ta' l-1 ta' Diċembru 2005.